MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Numru 1004/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR T SAMMUT**

**VS**

**DOMINIC SANT**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Dominic Sant ta’ 24 sena, imwieled tal-Pieta’ nhar l-1 ta’ Gunju, 1980, bin Carmelo u Josephine nee’ Cutajar, residenti fil-fond F/7, Block 12, Door A, Triq il-Peprin, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 265480 (M) ;

Akkuzat talli nhar l-14 ta’ Settembru, 2004, ghall-habta tal-22.00hrs, fi Triq il-Kbira, Birkirkara u f’Ta’ Paris, Birkirkara, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, b’ghajjat u glied talli ghamel lil Leli Cutajar u Mario Sant,

ingurja jew theddid mhux imsemmija f'band'ohra f'dan il-Kodici jew kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg 'il barra mil-limiti ta' provokazzjoni;

U aktar talli ikkaguna griehi ta' natura hafifa lil Mario Sant, kif iccertifika Dr J Cutajar MD, tal-Mosta Health Centre;

U aktar talli hebb ghal Mario Sant b'oggett iebes cioe' flixkun;

U aktar talli ikkaguna hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABB 187, ghad-dannu ta' Leli Cutajar, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn Lm50.00 (hamsin lira Maltin);

U aktar talli saq il-vettura tieghu HAI 345 kontra s-sinjali tat-traffiku;

U aktar talli saq l-istess vettura meta ma kinx kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghal terzi persuni ghas-sena kurrenti;

U finalment talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-13 ta' Novembru, 2002.

Rat id-diversi riferti negattivi tal-imputat u tal-allegat vittma, u allura ddikjarat l-azzjoni estinta fit-tielet akkuza fil-konfront tal-imputat.

Rat l-istimi tal-allegati danni allegatament sofferti mill-istess vittma, u allura ddikjarat l-azzjoni estinta wkoll fil-hames akkuza fil-konfront tal-imputat.

Tiddikjara l-kumplament tal-akkuzi preskritti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------